Forms of tenders/quotations may be obtained from the Store Procurement Section, Government Printing Press, 29A, Industrial Estate, Marsa, during normal office hours.

7th October, 2008

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-10 ta' Ottubru, 2008 fil-Kaxxa tal-Offerti Nru. 2 (Kulur Kannella) jintlaqgħu offerti magħluqin għall-provvista ta':-

Avviż Nru. MST 614. *Dual stage venous cannulae 29/37.*

Avviż Nru. MST 615. *Rifampicin 600mg injections.*

Avviż Nru. MST 616. *Octreotide Scintigraphy.*

Avviż Nru. MST 617. *Radioactive iodine I -131-metaiodobenzylguanidine (MIBG).*

Avviż Nru. MST 618. *Gallium-67 citrate injection.*

Avviż Nru. MST 619. *Procarbazine hydrochloride 50mg capsules/tablets.*

Avviż Nru. MST 620. *Intravenous cannulae, G20.*

Avviż Nru. MST 621. *Test strips for compilobacter pylori.*

Avviż Nru. MST 622. *Airways Disposable.*

Avviż Nru. MST 623. *Tube bubble green.*

L-offerti kollha msemmija hawn fuq tal-*Medical Stores* jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=242.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Pjazza San Luqa, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed tenders will be received in the Tender Box No. 2 (Colour Brown) up to 10.00 a.m. on Monday, 10th October, 2008, for the supply of:-

Advt. No. MST 614. Dual stage venous cannulae 29/37.

Advt. No. MST 615. Rifampicin 600mg injections.

Advt. No. MST 616. Octreotide Scintigraphy.

Advt. No. MST 617. Radioactive iodine I -131-metaiodobenzylguanidine (MIBG).

Advt. No. MST 618. Gallium-67 citrate injection.

Advt. No. MST 619. Procarbazine hydrochloride 50mg capsules/tablets.

Advt. No. MST 620. Intravenous cannulae, G20.

Advt. No. MST 621. Test strips for compilobacter pylori.

Advt. No. MST 622. Airways Disposable.

Advt. No. MST 623. Tube bubble green.

All the above Medical Stores Tenders can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=242.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services, Pjazza San Luqa, Guardamangia, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

7th October, 2008

SERVIZZI TA' *PROCUREMENT* TAL-GVERN (TAQSIMA TAS-SAĦĦA)

Id-Direttur tas-Servizzi ta' *Procurement* tal-Gvern (Taqsima tas-Saħħa), Guardamangia, jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-14 ta' Ottubru, 2008 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Kwot. PFI Nru. 3363. Ingwanti *non sterile biogel*, daqs 8.0
Kwot. PFI Nru. 3364. *Hopkins II O° antroscopic*
Kwot. PFI Nru. 3365. Kalzetti tal-lastku sa taħt l-irkoppa – kbar
Kwot. PFI Nru. 3366. Kalzetti tal-lastku sa fuq l-irkoppa bħala sapport - XL
Kwot. PFI Nru. 3367. Kalzetti tal-lastku sa fuq l-irkoppa bħala sapport - kbar
Kwot. PFI Nru. 3368. *Ablation catheters thermo - cool*
Kwot. PFI Nru. 3369. *Folding drill case*
Kwot. PFI Nru. 3370. *Cutting forceps*
Kwot. PFI Nru. 3371. *Lambotte-type osteotome straight*
Kwot. PFI Nru. 3372. *Spinal elevator round*
Kwot. PFI Nru. 3373. *Mono polaymide G1 on 90mm*
Kwot. PFI Nru. 3374. *Spinal rod cutter*
Kwot. PFI Nru. 3375. *Key periosteal elevator*
Kwot. PFI Nru. 3376. *Twin fix cannulated compression screws*
Kwot. PFI Nru. 3377. *ECT bending press*
Kwot. PFI Nru. 3378. *Asymetric universal tapered adaptors,4.0-7.0/7.0-10.0*
Kwot. PFI Nru. 3379. *Folinic acid 15mg tablets*
Kwot. PFI Nru. 3380. *Bipap vision masks*
Kwot. PFI Nru. 3381. *Disposable adult flow sansor for Marquette monitor*
Kwot. PFI Nru. 3382. *Fluphenazine 25mg injections*
Kwot. PFI Nru. 3383. *Bromocriptine 2.5mg tablets*
Kwot. PFI Nru. 3384. *Ball electrodes 6mm diameter*

Il-PFI's imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

GOVERNMENT HEALTH PROCUREMENT SERVICES

The Director, Government Health Procurement Services, Guardamangia, notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday 14th October, 2008, for:-

Quot. PFI No. 3363. Non sterile biogel gloves, size 8.0
Quot. PFI No. 3364. Hopkins II O° antroscopic
Quot. PFI No. 3365. Stockings elastic below knee - large
Quot. PFI No. 3366. Support stockings elastic above knee - XL
Quot. PFI No. 3367. Support stockings elastic above knee - large
Quot. PFI No. 3368. Ablation catheters thermo - cool
Quot. PFI No. 3369. Folding drill case
Quot. PFI No. 3370. Cutting forceps
Quot. PFI No. 3371. Lambotte-type osteotome straight
Quot. PFI No. 3372. Spinal elevator round
Quot. PFI No. 3373. Mono polaymide G1 on 90mm
Quot. PFI No. 3374. Spinal rod cutter
Quot. PFI No. 3375. Key periosteal elevator
Quot. PFI No. 3376. Twin fix cannulated compression screws
Quot. PFI No. 3377. ECT bending press
Quot. PFI No. 3378. Asymetric universal tapered adaptors,4.0-7.0/7.0-10.0
Quot. PFI No. 3379. Folinic acid 15mg tablets
Quot. PFI No. 3380. Bipap vision masks
Quot. PFI No. 3381. Disposable adult flow sansor for Marquette monitor
Quot. PFI No. 3382. Fluphenazine 25mg injections
Quot. PFI No. 3383. Bromocriptine 2.5mg tablets
Quot. PFI No. 3384. Ball electrodes 6mm diameter

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

7th October, 2008

DIVIŻJONI GĦAS-SERVIZZI TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (Servizzi tas-Saħħa) jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-5 ta' Novembru, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 97/08. Żvilupp professjonali, taħriġ u aġenziji ta' servizzi ta' konsulenza għall-Iżvilupp tal-Kura tas-Saħħa Mentali f'Malta.

Il-formoli tal-offerta u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' din l-offerta jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima tal-Provvisti, Medical Stores Building, Pjazza San Luqa, Guardamangia, mit-8.00 a.m. san-12.30 p.m.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

HEALTH CARE SERVICES DIVISION

The Director General (Health Care Services) notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 5th November, 2008, for:-

Advt. No. 97/08. Professional development, training and advisory services agency for the Development of Mental Health Nursing in Malta.

Forms of tender and further information regarding the conditions of this tender may be obtained from the Health Division, Supplies Section, Medical Stores Building, St. Luke's Square, Guardamangia, from 8.00 a.m. to 12.30 p.m.

7th October, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

L-Awtorità Marittima ta' Malta jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Ottubru, 2008, fl-Awtorità Marittima ta' Malta, Dipartiment tal-Amministrazzoni, Uffiċċju Korporattiv, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, il-Marsa, jintlaqgħu offerti magħluqin flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa għal:

Avviż Nru. Publication Ref.: MMA/008/2008. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *automatic identification system (AIS) shipping traffic density analysis system* - Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. Publication Ref.: MMA/007/2008. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *digital CCTV security monitoring system* għall-Portijiet Fażi 2.

Għandu jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Persuni interessati għandhom jiġbru d-dokument tal-offerta mill-Uffiċċju tal-Proġetti tal-Awtorità Marittima ta' Malta, Ċentru tal-Kummerċ Marittimu, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, il-Marsa.

Preferibbilment pagamenti għad-dokumenti tal-offerta għandhom isiru b'*cheque* indirizzat lill-Awtorità Marittima ta' Malta.

MALTA MARITIME AUTHORITY

The Malta Maritime Authority notifies that:

Sealed tenders complete with all required documents will be received at the Malta Maritime Authority, Administration Department, Corporate Office, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa, up to 10.00 a.m. of Friday, 17th October, 2008, for:

Advt. No. Publication Ref.: MMA/008/2008. Supply, installation and commissioning of automatic identification system (AIS) shipping traffic density analysis system - Malta.

A fee of €50.00 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. Publication Ref.: MMA/007/2008. Supply, installation and commissioning of digital CCTV security monitoring system for Ports Phase 2.

A fee of €100.00 is to be paid for each copy of tender document.

Interested parties are invited to collect copies of the tender document from the Projects Office of the Malta Maritime Authority, Maritime Trade Centre, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa.

Payments for tender documents are preferably to be made by cheque payable to the Malta Maritime Authority.

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004 - 2006
Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea: 75%
Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (FEZR), 25% Ko-finanzjament:
Structural Funds Programme for Malta 2004 - 2006
Project Part-financed by the European Union: 75%
European Regional Development Fund (ERDF), 25% Co-financing

Is-7 ta' Ottubru, 2008

7th October, 2008

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U T-TAĦRIĠ

Employment Aid Programme

Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ qed tilqa' offerti mingħand organizzazzjonijiet stabbiliti għal dawn l-offerti:

Provvista ta' Materjal Stampat għall-*Employment Aid Programme* (ETC/EAP/06/08)

Kopji tad-dokument tal-offerta jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Servizzi Finanzjarji tal-Korporazzjoni f'Ħal Far mit-8.00 a.m. sa nofsinhar bi ħlas ta' €45 kull wieħed.

L-offerti għandhom ikunu f'envelop magħluq u indirizzat lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, Ħal Far. L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-Uffiċċju Prinċipali tal-ETC f'Ħal Far mhux aktar tard mill-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Ottubru 2008.

It-titolu u l-kodiċi tal-offerta, kif imsemmi hawn fuq, għandom jiġu indikati fuq l-envelop.

Il-Korporazzjoni żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrifjuta, f'parti jew kollha kemm hi, xi jew kwalunkwe offerta li tasal.

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Employment Aid Programme

The Employment and Training Corporation is receiving tenders from established organisations for the following:

Supply of Printed Material for the Employment Aid Programme (ETC/EAP/06/08)

Copies of the tender document may be obtained from the Finance Division of the Corporation in Ħal Far from 8.00 a.m. to noon against a payment of €45 per document.

Tenders should be placed in a sealed envelope and addressed to the Chief Executive Officer, Employment and Training Corporation, Ħal Far. Tenders are to be deposited in the tender box at the ETC Head Office in Ħal Far by not later than 10.00 a.m. of Tuesday, 28th October 2008.

The tender's title and code, as stated above, are to be indicated on the envelope.

The Corporation reserves the right to accept or refuse in part or whole, any or all of the tender submitted.

Programm Operattiv II - Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Aktar Setgħa għan-nies għal aktar xogħol u kwalità ta' ħajja aħjar
Skemi ta' Għajnuna finanzjati parzjalment mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (ESF)
Ko-finanzjament: 85% Fond Ewropew; 15% Fond Nazzjonali

Ninvestu fil-Futur Tiegħek

Operational Programme II - Cohesion Policy 2007 - 2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Aid Schemes part financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing: 85% EU fund; 15% National Fund

Investing in Your Future

Is-7 ta' Ottubru, 2008

7th October, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Il-Kunsill Malti għall-Isport jgħarraf illi jilqa' offerti sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-4 ta' Novembru, 2008, għal:-

Provvista u stallazzjoni ta' tagħmir tal-*gym* fil-*Fitness Centre* f'Tal-Qroqq.

Id-dokumenti tal-offerta u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Finanzi tal-Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Vjal Kottoner, Bormla BML 9020, bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m. u s-2.00 p.m. u l-4.30 p.m.

Għandu jsir ħlas ta' €50.00 meta jinġabru d-dokumenti.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport receives offers up to noon on Tuesday, 4th November, 2008, for:-

Supply and installation of gym equipment for Tal-Qroqq Fitness Centre.

Tender documents and conditions can be collected from the Finance Office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cottoner Avenue, Cospicua BML 9020, between 8.00 a.m. and 12.30 p.m. and 2.00 p.m. and 4.30 p.m.

A fee of €50.00 has to be paid upon collection of documents.

7th October, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Il-Kunsill Malti għall-Isport jgħarraf illi jilqa' offerti sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-4 ta' Novembru, 2008, għal:-

Xogħlijiet ta' modernizzar ta' xaft fil-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali, l-Imsida.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Finanzi tal-Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m. u s-2.00 p.m. u l-4.30 p.m.

Għandu jsir ħlas ta' €50.00 meta jinġabru d-dokumenti.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport receives offers up to noon on Tuesday, 4th November, 2008, for:-

Shaft refurbishment works at the National Pool Complex, Msida.

Tender documents can be collected from the Finance Office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, between 8.30 a.m. and 12.30 p.m. and 2.00 p.m. and 4.30 p.m.

A fee of €50.00 has to be paid upon collection of documents.

7th October, 2OO8

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex jgħarraf illi:–

Sottomissjonijiet għall-kompetizzjoni magħluqin (inkluż il-kunċett tad-disinn skond il-ħtiġiet tad-Dokument tal-Kompetizzjoni) jintlaqgħu fit-Taqsima tax-Xogħlijiet (Ministeru għal Għawdex), ir-Rabat, Għawdex, sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Novembru, 2008, għal:-

Avviż Nru. 17/2008. Kompetizzjoni għal skema ta' disinn għax-Xlendi Waterfront.

Avviż Nru. 19/2008. Kompetizzjoni għal skema ta' disinn għall-Marsalforn Waterfront.

Id-data tal-għeluq ta' dawn is-sottomissjonijiet ġiet estiża mill-10 ta' Ottubru u l-14 ta' Novembru rispettivament.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull sett tad-dokumenti tal-kompetizzjoni li jinġabar.

Il-kompetituri għandhom jissottomettu d-dokumenti kollha kif mitlub fl-Istruzzjonijiet Ġenerali tad-dokumenti tal-Kompetizzjoni li flimkien ma' *CD* jistgħu jinkisbu waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju f'kull ġurnata tax-xogħol mit-Taqsima tax-Xogħlijiet (Ministeru għal Għawdex), Triq ta' Wara s-Sur, ir-Rabat, Għawdex.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

MINISTRY FOR GOZO

The Permanent Secretary, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed competition submissions (including design concept as per requisites of Competition Document) will be received at the Works Branch (Ministry for Gozo), Victoria, Gozo, up to noon of Friday, 28th November 2008, for:-

Advt. No. 17/2008. Competition for a design scheme for the Xlendi Waterfront.

Advt. No. 19/2008. Competition for a design scheme for the Marsalforn Waterfront.

The closing date of these submissions has been extended from the 10th October and 14th November respectively.

A fee of €50.00 is to be paid on collection of each set of competition documents.

Competitors should submit all documents as requested in the General Instructions of the Competition documents, which, together with a CD, may be obtained from the Works Branch (Ministry for Gozo) Victoria, Gozo, on any working day during office hours.

7th October, 2008

DIRETTORAT GĦAS-SERVIZZI EDUKATTIVI (DES)

Id-Direttur Ġenerali għas-Servizzi Edukattivi jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-21 ta' Ottubru, 2008, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. FSQ 07-08. Xiri ta' *inkjet printers* għall-Iskejjel Primarji.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mit-Taqsima tal-*Accounts,* Kamra 137 f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqa f'envelop indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa tal-Offerti, li tinsab ħdejn it-Taqsima tas-Servizzi Finanzjarji (Kamra 130), Diviżjoni tal-Edukazzjoni, il-Furjana.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES (DES)

The Director General for Educational Services notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 11.00 a.m. of Tuesday, 21st October, 2008, for:-

Quot. No. FSQ 07-08. Purchase of inkjet printers for Primary Schools.

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Accounts Section, Room 137 on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Tender Box, located near the Financial Services Branch (Room 130), Education Division, Floriana.

7th October, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, it-13 ta' Ottubru, 2008, jilqa' offerti li għandhom ikunu magħluqa f'envelop indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-kaxxa tal-offerti apposta fil-Bini Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, għal:-

Avviż Nru. MCAST T. 22/08. Provvista u konsenja ta' *interactive white boards* u projectors li jitwaħħlu mas-saqaf.

Avviż Nru. MCAST T. 23/08. Provvista u tqegħid ta' *single mode fibre optic cable* mill-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST għall-Istitut tal-ICT tal-MCAST.

Għandu jitħallas dritt ta' €30.00 għal kull dokument tal-offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment tal-*Accounts* fl-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032 Tel: 2398 7100, *Fax:* 2398 7316, www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

L-MCAST iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta parti jew l-offerta sħiħa, xi offerti jew l-offerti kollha mitfugħa.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tenders placed in the pre-addressed envelope and deposited in the appropriate tender box at the Administrative Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, up to 2.00 p.m. of Monday, 13th October, 2008, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T. 22/08. Supply and delivery of interactive white boards and ceiling mounted projectors.

Advt. No. MCAST T. 23/08. Supply and laying of single mode fibre optic cable from the MCAST Administration Building to the MCAST ICT Institute.

A fee of €30.00 should be paid for each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032 Tel: 2398 7100, Fax: 2398 7316, www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

MCAST reserves the right to accept or refuse in part or in whole, any or all tenders submitted.

7th October, 2008

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali Żebbuġ (Għawdex) jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, il-21 ta' Ottubru 2008, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż. Nru. ZGLC 03/08-09. Provvista u ġarr ta' fanali u arbli dekorattivi u lanterni għal Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għall-kull dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti tal-offerta u tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Knisja, Żebbuġ, Għawdex. L-offerti jinfetħu fil-pubbliku eżattament wara d-data tal-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

KUNSILL LOKALI FLORIANA

Il-Kunsill Lokali Floriana jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-31 ta' Ottubru 2008, fil-kaxxa tal-offerti fl-Uffiċċju tal-Kunsill, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. KLF/Q/01/08. Provvista ta' tiżjin ta' dawl dekorattiv fi Triq/Pjazza Sant'Anna matul il-perjodu tal-Milied 2009.

Kwot. Nru. KLF/Q/03/08. Kiri u stallazzjoni ta' tiżjin ta' dawl dekorattiv fi Triq/Pjazza Sant'Anna matul il-perjodu tal-Milied 2008.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Floriana, 15, Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar u mis-1.30 p.m. u l-4.30 p.m.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Żebbug (Gozo) Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Office up to noon of Tuesday, 21st October 2008, for:-

Advt. No. ZGLC 03/08-09. Supply and delivery of decorative lamp-posts and luminaires for Triq il-Knisja, Żebbuġ, Gozo.

A fee of €50.00 should be paid for each copy of tender documents.

Tender documents and further information may be obtained from the Council's Administrative Office at Triq il-Knisja, Żebbuġ, Gozo. Tenders will be opened in public immediately after the closing date.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

7th October, 2008

FLORIANA LOCAL COUNCIL

The Floriana Local Council notifies that:-

Sealed quotations are to be deposited in the tender box at the Council's Office up to noon of Friday, 31st October 2008, for:-

Quot. No. KLF/Q/01/08. Supply of street lighting decorations in Pjazza/Triq Sant Anna during the Christmas period 2009.

Quot. No. KLF/Q/03/08. Hire and installation of street lighting decorations in Pjazza/Triq Sant lAnna during the Christmas period 2008.

A fee of €50.00 is to be paid for each copy of quotation document.

Quotation documents may be obtained from the Floriana Local Council's Administrative Office, 15, Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana, from Monday to Friday, between 8.30 a.m. and noon and 1.30 p.m. and 4.30 p.m.

The Council reserves the right to refuse the most advantageous offer.

7th October, 2008

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-23 ta' Ottubru 2008, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 01/2008. Servizz professjonali ta' perit u inġinier ċivili

Avviż Nru. 02/2008. Żamma, manutenzjoni, kostruzzjoni u rikostruzzjoni ta' Bankini.

Avviż Nru. 03/2008. Żamma, manutenzjoni, kostruzzjoni u rikostruzzjoni ta' toroq u traqqigħ.

Avviż Nru. 05/2008. Żamma u manutenzjoni ta' sinjali tat-traffiku.

Avviż Nru. 06/2008. Tindif u manutenzjoni ta' *parks* u ġonna.

Għandu jitħallas dritt ta' €60 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 04/2008. Tindif u tisbiħ ta' żoni urbani, żoni mhux urbani u fetħiet fil-periferiji ta' Pembroke, jiġifieri:

a. Tindif, żgumbrar u qtugħ ta' ħaxix ta' *soft areas*.

b. Qtugħ ta' ħaxix, knis u żgumbrar ta' toroq urbani.

ċ. Qtugħ ta' ħaxix, knis u żgumbrar ta' toroq mhux urbani.

Għandu jitħallas dritt ta' €150 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kwot. Nru. 08/08. Servizz ta' persuna biex tieħu ħieb il-masġar

Kwot. Nru. 09/08. Provvista ta' *litter bins*.

Kwot. Nru. 10/08. Tindif tal-uffiċċju amministrattiv.

Kwot. Nru. 11/08. Servizz ta' avukat.

Kwot. Nru. 12/08. Provvista ta' boroż tal-iskart domestiku għar-riċiklaġġ.

L-offerti/kwotazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi f'envelop magħluq. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke, Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-offerti/kwotazzjonijiet jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat tal-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Pembroke jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta/kwotazzjoni jew parti minnha, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed tenders/quotations will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Thursday, 23rd October 2008, for:-

Advt. No. 01/2008. Professional services of an achitect and civil engineer

Advt. No. 02/2008. Upkeep, maintenance, construction and resconstruction of pavements.

Advt. No. 03/2008. Upkeep, maintenance, construction and reconstruction of roads and patching.

Advt. No. 05/2008. Upkeep and maintenance of traffic signs.

Advt. No. 06/2008. Cleaning and maintenance of parks and gardens.

A fee of €60 is to be paid for every copy of tender document.

Advt. No. 04/2008. Cleaning and embellishment of urban, non urban and open areas within Pembroke boundaries, i.e.

a. Cleaning, clearing and grass cutting of soft areas.

b. Weeding, sweeping and clearing of urban roads.

c. Weeding, sweeping and clearing of non-urban roads.

A fee of €150 is to be paid for every copy of tender document.

Quot. No. 08/08. Service of a forester.

Quot. No. 09/08. Supply of litter bins.

Quot. No. 10/08. Cleaning of administrative office.

Quot. No. 11/08. Service of a lawyer.

Quot. No. 12/08. Supply of domestic garbage bags for recycling.

All tenders/quotations are to be submitted in sealed envelopes. Further information may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Triq Alamein, Pembroke, during office hours.

Tenders/quotations will be opened in public after the closing time stipulated.

The Pembroke Local Council reserves the right to reject any tender/quotation or part there of, even the most advantageous.

7th October, 2008

KUNSILL LOKALI FGURA

Il-Kunsill Lokali Fgura jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-14 ta' Ottubru, 2008, fil-kaxxa tal-offerti apposta fl-Uffiċċju tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin li għandhom jittieħdu personalment, għal:–

Avviż Nru. JIF-17-08. Provvista u armar ta' tagħmir ta' dawl, awdjo-viżiv u *sound* biex jintużaw waqt attivitajiet li se jiġu organizzati bejn it-23 u s-26 ta' Ottubru, 2008. Dettalji tal-attivitajiet li se jkunu organizzati matul dan il-perijodu jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali matul il-ħinijiet tal-Uffiċċju. Min huwa interessat huwa mitlub jissottometti proposta dettaljata tat-tagħmir li jkun se jiġi provdut flimkien mal-ħlasijiet li jinkludu l-VAT. Kull kwotazzjoni sottomessa għandha tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni minn persuna kwalifikata li tkun responsabbli għal dawn l-avvenimenti flimkien ma' kopja ta' polza ta' assikurazzjoni li tiggarantixxi lill-Kunsill Lokali Fgura kontra kull responsabbiltà, spejjeż, telf, talbiet u proċeduri li jinqalgħu minn jew waqt jew minħabba t-twettiq ta' dan is-servizz mitlub li għalih min jintgħażel ikun responsabbli legalment.

Avviż Nru. CFP-17-08. Kalkolu tal-*carbon footprint*. Il-Kunsill Lokali Fgura tilqa' applikazzjonijiet magħluqin minn persuni kwalifikati għal kalkolu tal-*carbon footprint* fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Ir-rati għandhom jinkludu l-VAT. L-ispezzjoni tal-Uffiċċju tal-Kunsill tista' ssir mit-Tnejn sal-Ġimgħa matul il-ħinijiet tal-Uffiċċju.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Is-7 ta' Ottubru, 2008

FGURA LOCAL COUNCIL

The Fgura Local Council notifies that:

Sealed offers shall be deposited by hand in the appropriate tender box at the Council's office up to noon of Tuesday, 14th October, 2008, for:–

Advt. No. JIF-17-08. Supply and manning of light, audio-visual and sound equipment to be used during activities which are to be organised between the 23rd and 26th October, 2008. Details of the activities which are to be organised during this period can be acquired from the Local Council's Offices during office hours. Interested parties are requested to submit a detailed proposal of equipment to be provided together with the respective charges inclusive of VAT. Each quotation submitted must be accompanied by a declaration from a qualified person who will be responsible during the course of these events together with a copy of an insurance cover indemnifying the Fgura Local Council from any liability, expense, loss, claim or proceedings arising out of or in the course of or by reason of the carrying out of the service being requested for which the party chosen shall be legally liable.

Advt. No. CFP-17-08. Calculation of carbon footprint. The Fgura Local Council is receiving sealed quotations from qualified persons for the calculation of carbon footprint at the Local Council's Office. Rates are to be inclusive of VAT. Inspection of the Council's office can be carried out from Monday to Friday during office hours.

The Council reserves the right to refuse the most advantageous offer.

7th October, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1457

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-26 ta' Settembru, 2008 fuq rikors ta' MICHAEL ATTARD LTD ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 3 ta' Dicembru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'85, TRIQ L-IMDINA, QORMI tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand YEVGIYENKO VIKTORIYA (ID 26420A).

Vettura Peugeot tal-kulur iswed bin-numru tar-reġistrazzjoni DBN 573

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 2 ta' Ottubru, 2008.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS)
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 26th September, 2008 on the application of MICHAEL ATTARD LTD, Wednesday, 3rd December, 2008 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 85, TRIQ L-IMDINA, QORMI of the following items seized from the property of YEVGIYENKO VIKTORIYA (ID 26420A).

Vehicle Peugeot, black colour with registration number DBN 573

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 2nd October, 2008.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS)
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1458

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Awissu 2008, fl-atti tar-Rikors Numru 565/08 RCP, fl-ismijiet Fenech Peter Avv. noe vs Fenech Martin Avv. Dott. et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Avv. Peter Fenech ID numru 67468(M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetajiet esteri Sony Corporation u Sony Computer Entertainment Europe Limited vs Dott. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer, li b'digriet tat-18 ta' Ġunju 2008, ġew nominati bħala Kuraturi Deputati, sabiex jirrapreżentaw lill-assenti soċjetà esportatriċi K.B. Int'L Company Ltd u lill-kunsinajatarju Optima/P.C.MBMT, fit-2 ta' Ġunju 2008, ir-rikorrenti Avv. Peter Fenech bħala mandatarju speċjali tas-soċjetajiet esteri Sony Corporation u Sony Computer Entertainment Europe Limited, talab lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f'playstation controllers li fuqhom hemm l-kliem'SONY' u 'PLAYSTATION' u li jinsabu preżentement taħt l-Awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana, wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru ECMU 9518678 kontenenti l-imsemmija playstation controllers, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjetà intelletwali tas-soċjetà rikorrenti Sony Corporation, fir-rigward tat-trademark tagħha …omissis…

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali playstation controllers 'l hinn mill-kanali tal-Kummerċ…

3. Tordna li l-intimati għandhom ibatu l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti …omissis…

Bl-ispejjeż, kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Dikjarazzjoni Ġuramentata.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Notifika: Rikorrenti: 35-36, Archbishop Street, Valletta.
Kuraturi Deputati: Il-Qorti, Valletta.

Ir-Rikors Ġuramentat Numru 565/08 RCP, fl-ismijiet Fenech Peter Dott. noe vs Fenech Martin Dott. Avv. et noe, jinsab appuntat għas-smigħ għall-Erbgħa, 5 ta' Novembru 2008, Awla 14, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Settembru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 26th August 2008, in the records of the Application Number 565/08 RCP, in the names Fenech Peter Adv. noe vs Fenech Martin Adv. Dr et , ordered the following publication.

By means of a Sworn Declaration filed in the First Hall Civil Court, in the names Adv. Peter Fenech ID number 67468(M) as special mandatary of the foreign companies Sony Corporation and Sony Computer Entertainment Europe Limited vs Dr Martin Fenech and Legal Procurator Hilda Ellul Mercer who by decree of the 18th June 2008, were appointed as Deputy Curators to represent the absent exporting company K.B. Int'L Company Ltd and the consegnatary Optima/P.C. MBMT, on the 2nd June 2008, the applicant Adv. Dr Peter Fenech as special mandataries of the foreign companies Sony Corporation and Sony Computer Entertainment Europe Limited asked this Honourable Court;

1.To declare that the objects consisting in playstation controllers on which there is the word 'SONY' and 'PLAYSTATION' and which are presently under the Authority of the Comptroller of Customs, after he had suspended the release of container with number ECMU 9518678 containing the said playstation controllers, are counterfeit and contravene the rights of intellectual property of the applicant company Sony Corporation as regards its trademark…omissis…

2. To Order the Comptroller of Customs to dispose from the said playstation controllers outside the chanels of Commerce …omissis…

3. To Order that the respondents are to bear all the expenses of the measures ordered in terms of the second and third demand of the applicants …omissis…

With costs, against the respondents, who are summoned so that a reference to their evidence be made.

Sworn Declaration.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify: Applicants: 35-36, Archbishop Street, Valletta.
Deputy Curators; Courts of Justice, Valletta.

The Sworn Declaration Number 565/08 RCP, in the names Fenech Peter Dr noe vs Fenech Martin Dr Advocate et noe, has been appointed for hearing on Wednesday, 5th November 2008, Hall 14, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd October 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1459

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Lulju 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 52/08 JA, fl-ismijiet Busy Bee Holdings Company Ltd kontra Jason Pace, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jason Pace, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Jannar 2008, fl-ismijiet Busy Bee Holdings Company Ltd (C9884) kontra Jason Pace (K.I. 144571 M) is-soċjetà rikorrenti, talbet bir-rispett, biex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara l-intimat responsabbli għall-ksur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu taħt il-kuntratt ta' lokazzjoni datat 22 ta' Marzu 2006;

2. Tillikwida l-kera u l-penali dovuta mill-intimat lis-soċjetà rikorrenti u d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti riżultat tal-inadempjenzi tal-intimat, permezz ta' periti nominandi jekk ikun hemm bżonn;

3. Tikkundanna l-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti, il-kera, il-penali u d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż …omissis... kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull dritt ieħor spettanti lis-soċjetà rikorrenti għad-danni illi setgħu ġew ikkaġunati mis-soċjetà Future Shops Limited, fil-ħanut u l-garaxx sottostanti u għall-ispejjeż, illi setgħu għamlu mill-istess.

Lista tax-Xhieda

Lista tad-dokumenti

Notifika: 'Casa Armani', Triq il-Ħarrub, Madliena, is-Swieqi.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 52/08 JA, fl-ismijiet Busy Bee Holdings Company Limited vs Pace Jason, jinsab differit għall-5 ta' Novembru 2008, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-2 ta' Ottubru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 29th July 2008, in the records of the Sworn Application No. 52/08 JA in the names Busy Bee Holdings Company Ltd vs Jason Pace, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Jason Pace, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court First Hall, on the 22 nd January 2008, in the names Busy Bee Holdings Company Ltd (C9884) vs Jason Pace (.I D. 144571 M) the applicant company respectfully, requests this Honourable Court:

1. To declare the respondent responsible for the breach of his contractual obbligations under the contract of lease, dated 22 nd March 2006;

2. Liquidate the rent and the penalty due by the respondent to the applicant company and the damages suffered by the applicant company, because of the defaults of the respondent, by means of the appointment of referees, if necessary.

3. Condemn the respondent to pay the applicant company, the rent, penalties and damages so liquidated.

With costs … omissis... against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made and saving any other right due to the applicant company for damages which could have been caused by the company Future Shops Limited, in the shop and underlying garage and for the expenses they could have made from the same.

List of witnesses

List of documents

Notify: 'Casa Armani', Harrub Street, Madliena, Swieqi

The Sworn Application 52/08 JA in the names Busy Bee Holdings Company Limited vs Pace Jason, has been put off to the 5 th November 2008, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd October 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1460

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ottubru 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4435/07, fl-ismijiet Bay Street Holdings Limited vs Alliance Malta Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Alliance Malta Limited (C-25896) ta' 35 Zachary Street, Valletta, Franco M. Azzopardi, Carmel Farrugia ta' u Carmel Vella, fit-30 ta' Lulju 2007, Bay Street Holdings Limited (C-12058) ta' Bay Street Tourist Complex, Bay Street Management Offices, St George's Bay, San Ġiljan, jinterpellaw lis-soċjetà intimata Alliance Malta Limited sabiex fi żmien ġimgħa millum tħallashom is-somma ta' €793.97 u dan bħala flus dovuti minnha fuq claim li saret mis-soċjetà mittenti għar-rigward tal-ħsarat li ġarbet l-electronic board tal-lift li hemm fil-proprjetà tagħha nhar l-14 ta' Novembru 2002 u dan kollu skond ma jirriżulta aħjar mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok VG2.

Illi skond ma tinsab informata s-soċjetà mittenti, dawn il-flejjes ingħataw lis-soċjetà intimata mill-Prinċipal tagħha, iżda din is-somma baqgħet qatt ma ingħatat lis-soċjetà mittenti.

F'każ li s-soċjetà intimata ma tħallasx dan l-ammont, fi żmien hawn fuq stipulat, allura l-intimati l-oħra qua diretturi u/jew azzjonisti għandhom jagħmlu tajjeb personalment għal istess ammont.

Għalhekk f'każ li s-soċjetà mittenti ma tirċeviex dan il-ħlas mingħandkom fi żmien ġimgħa mil-lum, is-soċjetà mittenti ser tkun kostretta tipproċedi kontrikom skond il-liġi.

Din l-itta uffiċjali qegħda ssir inter alia a tenur tal-artikolu 889 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali minn meta kien dovut l-ammont sad-data tal-ħlas effettiv.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 2nd October 2007, in the records of the judicial letter number 4435/07, in the names Bay Street Holdings Limited vs Alliance Malta Limited et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Alliance Malta Limited (C-25896) of 35 Zachary Street, Valletta, Franco M Azzopardi, Carmel Farrugia and Carmel Vella, on the 30th July 2007, Bay Street Holdings Limited (C-12058) of Bay Street Tourist Complex, Bay Street Management Offices, St George's Bay, San Ġiljan, call upon the respondent company Alliance Malta Limited so that within one week from today they pay the sum of €793.97 and this as the sum due on a claim that the interpellant company made regarding the damages caused in the electronic board of the lift that there is in the property on the 14th November 2002 and all this as results from the documents annexed and marked as Dok VG2.

According to the information that the interpellant company has, these monies were given to the respondent company from its Principal, but this sum was never given to the interpellant company.

In case that the respondent company does not pay this amount, within the time above stipulated, the other respondents qua directors and/or shareholders shall have to guarantee personally the same amount.

Thus if the interpellant company does not receive the amount due within one week from today, the interpellant company will be costrained to proceed against you according to law.

This judicial letter is being made inter alia in terms of article 889 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs and legal interests from the date the amount was due till the date of effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 2nd October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1461

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ottubru 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4437/07, fl-ismijiet Bay Street Holdings Limited vs Alliance Malta Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Alliance Malta Limited (C-25896) ta' 35, Zachary Street, Valletta, Franco M Azzopardi, Carmel Farrugia u Carmel Vella, fit-30 ta' Lulju 2007, Bay Street Holdings Limited (C-12058) ta' Bay Street Tourist Complex, Bay Street Management Offices, St George's Bay, San Ġiljan, jinterpellaw lis-soċjetà intimata Alliance Malta Limited sabiex fi żmien ġimgħa millum tħallashom is-somma ta' €1,744.12 u dan bħala flus dovuti minnha fuq claim li saret mis-soċjetà mittenti għar-rigward tal-ħsarat li ġarbet il-kiosk li hemm fil-proprjetà tagħha nhar l-31 ta' Diċembru 2002 u dan kollu skond ma jirriżulta aħjar mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok VG1.

Illi skond ma tinsab informata s-soċjetà mittenti, dawn il-flejjes ingħataw lis-soċjetà intimata mill-Prinċipal tagħha, iżda din is-somma baqgħet qatt ma ingħatat lis-soċjetà mittenti.

